# IL-HIDMA TAL-GĦASRIN GĦALL-KNISJA PARROKKJALI

minn Dun Ġużepp Zammit
*Rappreżentant tal-Għasri fil-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex*

"EX LABORE FRUCTUS" – mix-xogħol il-frott, huwa l-motto ta' wieħed mill-irħula ta' Għawdex, l-Għasri. Skond it-traduzzjoni, fl-antik, f'dan ir-raħal kienu jagħmlu ż-żejt minn żebbuġ li kienu jġibu minn raħal fil-qrib. Din it-tradizzjoni hija donnha msaħħa mill-fatt illi f'xi djar qodma u anki fir-raba' nstab xi mehrież li, kif naħseb, kien jintuża għal dan il-għan.

L-Għasri, li jinsab fin-naħa tal-Majjistral tal-Belt Vittorja, fih popolazzjoni ta' madwar 450 ruħ. F'dan ir-raħal il-bini huwa mxerred 'l hawn u 'l hinn u għalhekk issaltan ħemda u paċi l-iktar kbira. L-abitanti huma nies beżlin, u mogħtija għax-xogħol tar-raba'. Fil-lokalità tal-Għasri, jinsabu żewġ għoljiet sbieħ: ta' Għammar, u ta' Ġurdan. Fuq din ta' l-aħħar jinsab il-Fanal, li dan l-aħħar bidlulu l-apparat flok dak li kien hemm qabel, li kien ilu jaħdem fuq mit sena. Eżattament taħt ta' Ġurdan hemm bajja sabiħa u pittoreska – Wied il-Għasri. Jikkonferma dan li qed ngħid il-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani f'wieħed mis-sunetti tiegħu meta qal:

*Fis-skiet ta' Wied il-Għasri fil-għaxija*
*Taħt linfa bla qies tad-dawl qamrija;*
*Jinġabru minn ġol-baħar is-sireni*
*Fuq dah'r il-kukkudrilli u l-baleni.*

Fir-raħal tal-Għasri jinsabu żewġ knejjes, dik tal-Parroċċa, u oħra żgħira msejħa tal-Wied, li hija ddedikata lill-Patroċinju tal-Madonna. Din il-knisja, li kienet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Malta, Mons. Vincenzo Labini, kienet imżejna b'ħafna privileġġi, bħalma huma dik ta' Benefiċjali, Bażilika u Filjali ta' Santa Marija Maggiore ta' Ruma. Sa meta nbniet il-Knisja Parrokkjali, din il-knisja kienet ukoll Sagramentali.

Imma, mingħajr ebda dubju, l-iżjed ħaġa li hija għal qalb in-nies tal-Għasri hija l-Knisja tal-Parroċċa. Din il-knisja bdiet tinbena fl-1903 mill-Viċendarju Dun Ġużepp Vella u fis-6 ta' Settembru ta' l-istess sena sar it-tberik ta' l-ewwel ġebla minn Mons. Giovanni [Marija] Camilleri, Isqof [Djoċesan] ta' dak iż-żmien. Wara l-mewt tal-Viċendarju Vella, kompla x-xogħol il-Viċendarju l-ġdid Dun Karm Caruana. Fi żmien dan il-Viċendarju, fid-9 ta' Jannar, 1916, din il-knisja ġiet ikkonsagrata u mogħtija t-Titlu ta' "Corpus Domini". Din il-knisja li hija mibnija fuq forma ta' "Croce Greco", għandha stil kompost li huwa sabiħ ħafna. Fis-16 ta' Diċembru, 1921, din il-knisja ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Parroċċa.

Minn dakinhar sa llum, kemm il-Kappillani li kienu jmexxu l-Parroċċa u kemm in-nies ħadmu ħafna biex iżejnu dejjem iżjed u kif jixraq id-dar ta' Alla. Wara li żejnu l-knisja bi tmien artali tar-rħam, magħmulin minn ditta magħrufa, fil-15 ta' Mejju, 1930, il-knisja ġiet imżejna b'sett qniepen tad-Ditta Baricozzi ta' Milan.

Fis-sena 1938, sar il-pulptu sabiħ ta' l-injam u fis-sena 1942 sar il-paviment ta' l-irħam. Dan l-aħħar taħt il-ħabrieki Kappillan, il-Kan. Dun Carmelo Vella, illum Arċipriet tal-Qala, saru diversi opri bħalma huma l-ftuħ tal-koppla; l-injam tal-Kor *(iżżanżan għall-Festa ta' l-1955);* iz-zokklu tal-knisja, il-pilastri tal-kor,



il-presbiterju u żewġ Anġli, kollha xogħlijiet ta' rħam fin. Ta' min isemmi li f'din il-knisja jinsabu xogħlijiet sbieħ ħafna ta' pitturi magħrufa bħalma huma Pisani, [Giuseppe] Calì, u Vella.

Attwalment l-Għasri hemm tliet saċerdoti *(Dun Ġorġ Grech, Dun Ġużepp Zammit, u Dun Ġużepp Mintoff)* u l-Kappillan *(Dun Ġwann Cini)*. Minbarra dawn, il-parroċċa għandha wkoll tliet reliġjużi regolari *(Patri Leone Zammit O.F.M. Conv.; Patri Alfons M. Camilleri O.F.M.; u Dun Onorat Galea MSSP;* u diversi Sorijiet imxerrdin f'Malta *(Suor. Filomena Camilleri tad-Dumnikani; u Suor. M. Leonia Aquilina tal-Kong. Ulied il-Qalb Imqaddsa, ta' Nuzzu);* f'Għawdex, u anki fl-Alġier *(Suor. Lawrenza Galea tad-Duttrina Nisranija)* u fl-Indja *(Suor. M. Assunta tal-Kong. Ulied il-Qalb Imqaddsa. Barra dawn kien hemm ukoll Suor. Sabina Galea tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida, fl-Italja; u Suor. Marija Aquilina li kienet Franza).*

Fil-Parroċċa tal-Għasri jinsabu diversi għaqdiet *(tas-Sagra Familja; ta' l-Apostolat tat-Talb; tas-Siegħa Mqaddsa; ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù; l-Azz. Kattolika; u l-Legion)* u dan l-aħħar *(fis-Sajf 1962)* is-Soċjetà tal-MUSEUM ukoll fetħet dar għat-tagħlim tad-Duttrina u qiegħed ikun hemm konkorrenza kbira.